SOĊJETÀ MUŻIKALI MADONNA TAL-ĠILJU
'PALAZZ IL-ĠILJU' PJAZZA TAL-KNISJA, L-IMQABBA - MALTA MQB 1012 VO/0204
WWW.TALGILJU.COM INFO@TALGILJU.COM

# KUMITAT AMMINISTRATTIV 2022-2024
# SOĊJETÀ MUŻIKALI MADONNA TAL-ĠILJU, L-IMQABBA

Tul il-jiem li ġejjin, se jinġabru l-appikazzjonijiet mis-Segretarju preżenti, is-Sur Julian Falzon, sabiex jiġi ffurmat il-Kumitat Amministrattiv tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju għat-terminu 2022-2024.

Għaldaqstant, nitolbukom tieħdu nota ta' dawn ir-responsabbiltajiet u r-regolamenti mġedda li se jiġu applikati fil-formolazzjoni ta' dan il-Kumitat Amministrattiv. Grazzi.

## IL-KUMITAT AMMINISTRATTIV

**IL-KUMITAT AMMINISTRATTIV** (KA) ikun jikkonsisti minn **disa'** membri marbuta b'terminu minimu ta' sentejn. Il-**President**, is-**Segretarju** u l-**Kaxxier** jiffurmaw l-*Eżekuttiv*, id-**Direttur tal-Każin** u l-**Uffiċċjal fuq Relazzjonijiet Pubbliċi** ikunu *karigi dedikati* filwaqt li l-erba' karigi l-oħra jinħatru skont l-eżiġenza ta' Viċi-Kapijiet, *Managers* jew Uffiċċjali minn fost: Viċi-President; Viċi-Segretarju; Viċi-Kaxxier; *Project Manager*; *Activity Manager*; Uffiċċjal fuq Fondi; Prokuratur fuq Fratellanza u Assi Ekkleżjastiċi; Medjatur fuq Relazzjonijiet Interni, Viġilanza u Rikonċiljazzjoni.




*Membru jista' jkollu aktar minn delegazzjoni waħda imma mhux anqas minn waħda.*

## IL-KAŻ TA' ELEZZJONI

Dawn il-pożizzjonijiet ikunu miftuħa għal applikazzjoni *minn fost soċi tesserati*, bil-possibilta' ta' elezzjoni każwali li ssir waqt **seduta straordinarja** jew **annwali** jekk japplikaw *aktar minn disa' membri potenzjali biss*.

Il-votazzjoni tkun miftuħa *għal soċi tesserati biss* dakinhar tas-seduta u ġurnata oħra qabel għal min ma jkunx dispost għall-votazzjoni fil-jum imsemmi.

Fl-aħħar tas-seduta jingħaddu l-voti u l-proċess sħiħ tal-elezzjoni ikun immexxi minn **kummissjoni indipendenti**.

## IL-BORD AMMINISTRATTIV

Is-**sitt** mexxejja jew *chairpersons* tal-**Għaqda Banda**, **Għaqda Nar**, **Għaqda Armar**, **Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ**, **Kumitat Sezzjoni Soċjali** u **Team Media**, flimkien mal-**Kumitat Amministrattiv** jiffurmaw **IL-BORD AMMINISTRATTIV** (BA) li jista' jiltaqa' sa darba fix-xahar:

| | | |
|---|---|---|
| GĦAQDA BANDA | GĦAQDA NAR | GĦAQDA ARMAR |
| KUMITAT SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ | KUMITAT SEZZJONI SOĊJALI | TEAM MEDIA |

*Minkejja l-interessi lejn l-għaqdiet rispettivi tagħhom, ir-rappreżentanti xorta jistgħu jkunu suġġetti għal irwoli ta' assistenza jew delegazzjoni.*

## LINJI GWIDA U REGOLAMENTI OĦRA

- *Il-kummissjoni indipendenti li tmexxi dan il-proċess, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Amministrattiv preżenti, għandha kull dritt tirrifjuta applikazzjonijiet mingħajr ebda riżerva.*
- *L-applikanti jridu jkunu membri* ***tesserati*** *mas-soċjetà għal perjodu minimu ta' sena, b'eta' minima ta'* ***tmintax****-il sena, magħluqa sad-data tal-għeluq tal-applikazzjoni.*
- *L-applikazzjoni hija* ***kuntratt*** *li jorbot lil kull applikant bir-responsabbiltà li daħal fiha mal-mument li kkommetta ruħu fil-Kumitat Amministrattiv.*
- *Il-Kumitat huwa obbligat li jitlob ir-riżenja immedjata ta' membri li jkunu:*

*a. Assenti mingħajr raġuni valida għal tliet laqgħat konsekuttivi jew aktar (filkaż ta' tliet laqgħat li huma skużati imma konsekuttivi, dawn jingħaddu bħala assenti għal darba biss);*

*b. Imsieħba f'organizzazzjonijiet li joħolqu kunflitt ta' interess mas-Soċjetà;*

*ċ. F'ċirkostanzi li l-Kumitat jaqbel li huma jew jistgħu ikunu ta' theddida għas-Soċjetà.*

KUMITAT AMMINISTRATTIV
SOĊJETÀ MUŻIKALI MADONNA TAL-ĠILJU, L-IMQABBA